MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Numru. 425/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**DARREN XERRI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat DARREN XERRI bin l-mejjet Emanuel u Theresa nee Cauchi, li joqghod 8, Triq Sant' Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 33383G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-hdax ta' Settembru 2003 ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, fi Triq Patri Gusepp Portelli, l-Qala, garr arma tan-nar tal-ghamla Fabarm bin-numru tas-serie 538367 u disgha w erbghin skartocc minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 13(1)A) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 1464 u PC 759 jixhdu u lil istess Prosekuzzjoni tirrinunzja ghax-xhieda ta' PS 1371;

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kopja ta' licenzja rigwardanti l-arma Fabarm bin-numru tas-serie 538367 bil-pouch u disgha w erbghin skartocc;

Semghet lil imputat jiddikjara li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta il-Qorti hija rinfaccjata b'konfessjoni tal-imputat mal-Ufficjal tal-Pulizija liema konfessjoni ai termini tal-artikolu 657 tal-Kap 9 tammonta ghal ammissjoni;

Illi din il-Qorti hija wkoll rinfaccjata bil-fatt li kien l-imputat li kien qed isuq l-vettura in kwistjoni fejn instabu l-arma u munizzjon u ghalhekk r-responsabblita taghhom hija tieghu;

Illi l-imputat ma ta l-ebda spjiegazzjoni dwar il-pussess taghhom il-Qorti u ghalhekk dwar dak li qal PS 1464 dwar l-ammissjoni tal-imputat mhux kontestat;

Illi ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati, tiddikjara li lil imputat DARREN XERRI hati u tikkundannah ghal tlett [3] ijiem detenzjoni sospizi ghal perjodu ta' sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li ma jirrizultax li l-arma hija proprjeta tal-imputat il-Qorti mhux ser tordna l-konfiska taghha favur il-Gvern ta' Malta.

Oltre dan tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------